MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 883/2003

**Bank of Valletta p.l.c**
**Vs**

**Norman u Mary Anne mizzewgin Bezzina**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 28 ta' Awissu, 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela (Dok "A"), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenuti Norman u Mary Anne mizzewgin Bezzina;

Ippremettiet illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Norman u Mary Anne mizzewgin Bezzina fis-somma ta' tlettax-il-elf, hames mija u disgha u sittin Liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm13,569.45) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta Norman u

Mary Anne mizzewgin Bezzina mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok . “B1 sa B3” u Dok. “C1 sa C25”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ April, 2003 sad-data tal-effettiv pagament;

U ppremettiet illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 4 ta’ Awissu, 2003 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “D”, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti,

Talbet illi ghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

1 Tikkundanna lil-Norman u Mary Anne mizzewgin Bezzina jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlettax-il-elf, hames mija u disgha u sittin Liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm13,569.45) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Overdraft Accounts” ta’ Norman u Mary Anne mizzewgin Bezzina mal-
Bank of  Valletta p.l.c. (Dok.”B1 sa B3” u Dok. “C1 sa C25”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ April, 2003 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 4 ta’ Awissu, 2003 mibghuta lill-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w’in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ it-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------